IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 04**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kumitat iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 7 ta' Ottubru 2014 fis-5.45 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

Is-Sur Sam Abela — Ċerpersin
Is-Sra Renate Guillaumier — Viċi Ċerpersin
Is-Sur Christopher Farrugia — Membru
Is-Sna Louise Agius — Membru

Is-Sra Orietta Masini Cardona — Segretarju Eżekuttiv

**Skużata:**

Is-Sna Audrey Sant — Membru

** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien għadu ma wasalx, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B03**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B03 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B03*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B03**

2.01 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li r-rapport lill-Mepa kien sar però l-Kumitat kien għadu ma rċieva l-ebda risposta. — *Ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi Triq il-Buskett*

Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li dan il-ksur għadu għaddej. Huwa talab li jekk sal-laqgħa li jmiss ma jkunux ittieħdu passi min-naħa tal-Mepa, il-Kumitat għandu jitlob li jiltaqa' mal-*Enforcement Officer* tal-Mepa.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

** **Iċ-Ċerpersin Sam Abela daħal għal-laqgħa fis-6.05 ta' filgħaxija. Għaldaqstant, il-kumplament tal-laqgħa ġiet ippreseduta minnu.**

| | | |
|---|---|---|
| 2.02 | 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li ntbagħtet ittra lil *Transport Malta* fejn tlabna raġuni għalfejn din iċċaqalqet u sabiex dan il-*bus stop* jerġa' jitpoġġa fejn kien.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra lil *Tranport Malta* biex issir laqgħa dwar ir-rotot il-ġodda kienet intbagħtet. | Tneħħija ta' *bus stop* minn Triq Godwin Ganado |
| 2.03 | 2.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet infurmat lill-Kumpanija *Green MT* sabiex terġa' titpoġġa l-*Bring-in-site* tal-ħġieg fi Triq tal-Virtù skont kif stipulat fil-kuntratt. | *Bring-in-site* fi Triq Godwin Ganado u fi Triq tal-Virtù |
| 2.04 | 2.05 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina għamlu sid id-dar għas-spejjeż tiegħu. | Siġar miżrugħin fil-bankina ta' Triq Ġużeppi Caruana |
| 2.05 | 2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat abbozz ta' din l-ittra. Iċ-Ċerpersin qraha lill-membri u ġie deċiż li jiffirmaha ċ-Ċerpersin f'isem il-Kumitat. | Ittra lir-residenti biex jiżbru s-siġar li qed joħorġu għal fuq il-bankini |
| 2.06 | 2.08 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li dan ix-xogħol għadu ma sarx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li hi kienet reġgħat għaddiet l-każ għall-attenzjoni tal-*contracts manager.* | Tindif u tisbiħ tas-*soft areas* |
| 2.07 | 2.09 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet għamlet talba lill-Bank HSBC sabiex jisponsorjaw il-bdil ta' dawn it-tabelli. Iċ-Ċerpersin irringrazzjaha tal-inizjattiva. | Bdil tat-tabelli 'Merħba f'tal-Virtù' |
| 2.08 | 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa bit-tweġiba mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet. | Ħajt fi Triq Godwin Ganado |
| 2.09 | 3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dawn ix-xogħlijiet ser isiru fil-jiem li ġejjien. | Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankijiet ta' Buskett Rd u bdil ta' *litter bins* |
| 2.10 | 3.06 Iċ-Ċerpersin ippropona li tintbagħat ittra ta' introduzzjoni dwar din l-inizjattiva lir-residenti. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Huwa talab lis-Sur Christopher Farrugia sabiex jifformola l-ittra li ser tinbagħat lir-residenti. Ġie deċiż li dan is-suġġett jerġa' jittella' għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss. Il-Kumitat qabel unanimament. | *Neighbourhood Watch* |
| 2.11 | 3.07 Is-Sna Renate Guillaumier qalet li dan ix-xogħol kien għadu ma sarx. | Toqba fuq il-bankina quddiem 5, Triq Francesco Azopardi |
| 2.12 | 3.09 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li s-Seminarju kien laqa' it-talba tal-Kumitat Amministrattiv u kienu qed jitolbu data u ħin għal din il-laqgħa. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir il-Ħamis 16 ta' Ottubru fit-3.15 pm. | Laqgħa mas-Seminarju |

## 3.00 Kommunikazzjoni mill-membri

3.01 Is-Sna Louise Agius talbet li jsir *refresh* tal-*stop sign* li hemm fi Triq il-Buskett ħdejn Villa Messina. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din il-parti tat-triq tagħmel mal-Kunsill Lokali tar-Rabat u għaldaqstant ser tressaq din it-talba quddiem il-Kunsill.

*Refresh* tal-*stop sign* fi Triq il-Buskett ħdejn Villa Messina

3.02 Is-Sna Louise Agius ipproponiet li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq il-Buskett u tal-*stop sign* li hemm fi Triq Carlo Fiamingo k/m Triq il-Buskett. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin Sam Abela.

*Refresh* tas-sinjali tat-traffiku

Il-Kumitat qabel unanimament li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku kull fejn hu meħtieġ u fejn hemm *parking bays* li mhumiex skont ir-regolamenti tat-traffiku, dawn għandhom jiġu rranġati.

3.03 Is-Sna Louise Agius saħqet dwar in-nuqqas kbir ta' dawl li hemm f'tal-Virtù.

Nuqqas ta' dawl f'tal-Virtù

3.04 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li ssir talba lill-Enemalta sabiex iduru l-arbli kollha li hemm f'tal-Virtù peress li huma msaddin. Issekondat din il-proposta s-Sna Louise Agius. Il-Kumitat qabel unanimament.

Bdil ta' arbli tad-dawl msaddin

3.05 Is-Sna Renate Guillaumier saħqet dwar in-nuqqas kbir ta' dawl li hemm fi Triq Carlo Fiamingo.

Nuqqas ta' dawl fi Triq Carlo Fiamingo

3.06 Is-Sna Renate Guillaumier qalet li hemm bozza maqtugħa quddiem bieb nru. 76, Triq tal-Virtù.

Bozza maqtugħa fi Triq tal-Virtù

3.07 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li Triq Francesco Azopardi ila ma tigi miknusa tliet ġimgħat. Huwa saħaq li din is-sitwazzjoni mhiex aċċettabbli u ppropona li l-kuntrattur għandu jibdew jinħarġulu d-*default notices* għax din is-sitwazzjoni ilha tirrepeti ruħha. Issekondant din il-proposta s-Sna. Louise Aguis. Il-Kumitat qabel unanimament.

Ħruġ ta' *default notices* lill-kuntrattur tal-knis

## 4.00 Korrispondenza

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv kien qiegħed jiġi mistieden għal-laqgħa plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. Hija talbet lill-Kumitat Amministrattiv sabiex jaħtar rappreżentant għal din il-laqgħa. Il-Kumitat ħatar lis-Sna Louise Agius.

Laqgħa Plenarja

4.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1511/14,** is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgha li l-Kumitat ircieva ilment mis-Seminarju dwar problema tat-traffiku li qed tinħoloq waqt il-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Ġie deċiż li din it-talba tiġi ċċirkolata lill-membri sabiex imbagħad tiġi diskussa f'seduta oħra.

Ilment dwar problema tat-traffiku

4.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1447/14,** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien daħal ilment mis-Seminarju dwar il-*belvedere*. Huma ġibdulna l-attenzjoni li hemm periklu kbir peress li ċeda parti miċ-ċint tal-*belvedere* u hemm bżonn li jiġi rranġat b'mod imminenti. Il-Kumitat iddeċieda li ssir stima bil-perit tal-Kunsill u tali stima tittella' għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv.

Ilment dwar iċ-ċint tal-*belvedere*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill kien ħa ħsieb li jitqiegħdu l-*barriers* biex jiġi evitat il-periklu.

** Iċ-Ċerpersin talab li jiġi skużat fis-6.45 ta' filgħaxija

**5.00 Materji Oħra**

5.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa. Materji oħra

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru 2014 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ...l-Erbgħa... ..12.. ta'...Diċembru... 2014

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**